**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 12 ta' Frar, 2020**

**Avviz Numru: 501/2010 MLF**

**Middlesea Insurance p.l.c. kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet ta' Vivian Corporation Limited**

**vs**

**Valletta Gateway Terminals Limited u H. Mifsud Shipping Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz tas-socjeta' attrici li permezz tieghu talbet li s-socjetajiet konvenuti, jew liema minnhom, jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' ghaxart elef mitejn u tnejn u erbghin Euros (€10,242.00), liema somma giet imhallsa mis-socjeta' attrici lill-assigurata taghha, Vivian Corporation Limited (Reg.Nru. C68), in konnessjoni ma' nuqqasijiet sofferti mill-istess assigurata Vivian Corporation Limited (Reg.Nru. C68), liema nuqqasijiet jikkonsistu f'nuqqasijiet ta' merkanzija minnha mportata gewwa l-container numru TTNU 279502/8, fuq il-bastiment m/v Carolina (Voyage no.339/09/CRN/MAL) li wasal f'Malta fis-26 ta' Novembru, 2009, dan skond il-Bill of Lading numru 879/09/NAP/MAL.

Is-socjeta' attrici talbet ukoll li s-socjetajiet konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' tmien mija tlieta u sebghin Euro u ghoxrin centezmu (€873.20) spejjez inkorsi mis-socjeta' attrici in konnessjoni mas-survey li sar a rigward in-nuqqasijiet surriferiti.

Bl-ispejjez u l-imghax mid-data li sar il-hlas lill-assigurata, sad-data tal-pagament effettiv.

Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta Valletta Gateway Terminals Limited fejn eccepiet:

1. Illi, preliminarjament, l-azzjoni odjerna, in kwantu promossa permezz ta' avviz kif jidher mill-att promotur innifsu, hija nulla stante li ai termini tal-Artikolu 125 (2) tal-Kapitolu XII fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) il-procediment ordinarju fil-kontenzjuz ghandu jitmexxa b'rikors;

2. Illi, dejjem in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba tas-socjeta' rikorrenti hija preskritta ai termini tal-Artikolu 29 (a) tal-Kapitolu 352 gja enumerata artikolu 65 (a) tal-istess Att, qabel l-emendi introdotti bl-Att XV tal-2009;

3. Illi, fil-mertu t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu diretti kontra s-socjeta' esponenti u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-istess socjeta' rikorrenti u dana peress li n-nuqqasijiet fil-merkanzija allegata mis-socjeta' assikuratrici rikorrenti, jekk kemm il-darba tirrizulta, ma sehhitx b'xi htija imputabbli lis-socjeta' esponenti li qdiet il-funzjoni taghha skond il-ligi meta l-merkanzija kienet fil-kontroll taghha;

4. Illi, inoltre, meta tnizzel il-container in kwistjoni minn fuq il-bastiment MV Carolina kien issiggilat kif jirrizulta mit-tally sheet relattiva (Dok.A) u r-rilaxx tal-istess container sar b'Gate Pass-Out nadifa (Dok.B);

5. Illi dejjem bla pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' rikorrenti ghandha ggib prova tad-dannu minnha allegatament subit;

Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta H. Mifsud Shipping Limited li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

1. Illi bhala fatt is-socjeta' eccipjenti agixxiet biss u unikament bhala agent tal-vapur m/v Carolina u konsegwentement mhijiex responsabbli ghan-nuqqasijiet li allegatament avveraw ruhhom

mill-container in kwistjoni u lanqas jista' jinghad li nholoq rapport dirett bejn is-socjeta' eccipjenti u l-istess socjeta' attrici jew l-imsemmija speditrici tal-merkanzija Vivian Corporation Ltd. meta nghata l-inkariku sabiex tingarr il-merkanzija abbord l-imsemmi bastiment. Kwindi s-socjeta' eccipjenti mhix il-legittimu kuntradittur.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma f'kull kaz infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kontra s-socjeta' attrici.

Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Rat is-sentenza preliminari tas-26 ta' Marzu 2012, fejn din il-Qorti, diversament preseduta, laqghet it-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta Valletta Gateway Terminals Limited u ddikjarat l-azzjoni fil-konfront taghha bhala estinta u ordnat il-prosegwiment tal-kawza fil-konfront tas-socjeta' konvenuta H. Mifsud Shipping Limited, bl-ispejjez rizervati;

Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-avukati difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Fis-26 ta' Novembru 2009 dahal gewwa l-port ta' Malta il-bastiment m/v Carolina li kien qieghed igorr ghadd ta' *containers*, fosthom dak bin-numru TTNU279502/8 li huwa l-mertu tal-kawza odjerna. Dan il-bastiment huwa gestit mis-socjeta' estera Tarros S.p.A. li l-agent taghha gewwa Malta fil-perjodu in kwistjoni kienet is-socjeta' konvenuta H. Mifsud Shipping Limited.

2. Il-container *de quo* kien jikkontjeni merkanzija konsistenti fi prodotti alimentari importati mill-Italja mis-socjeta' Vivian Corporation Limited li kienet ingaggat lis-socjeta' konvenuta H.

Mifsud Shipping Limited sabiex tiehu hsieb it-trasport ta' din il-merkanzija minghand is-socjeta' estera Plasmon Dietetici Alimentari s.r.l. ghal gewwa l-port ta' Malta.[1]

3. Mill-*Bill of Lading* relattiv jirrizulta li din il-merkanzija giet mghobbija ghal fuq il-bastiment m/v Carolina minn gewwa l-port ta' Napli fl-Italja, u li f'dak il-mument il-*container* kellu zewg sigilli, wiehed tas-socjeta' Plada s.r.l bin-numru 1384413 u iehor tal-bastiment bin-numru 269017.[2]

4. Is-socjeta' Valletta Gateway Terminals Limited hija l-operatur awtorizzat minn Transport Malta sabiex tiggestixxi l-*Cargo Handling Services* gewwa l-Port il-Kbir. Irrizulta li meta gie sbarkat il-*container de quo*, it-*tally clerks* inkarigati mis-socjeta' Valletta Gateway Terminals Limited sabiex jirredigu t-*tally sheets* ghamlu notament bil-kliem "*sld*" magenb in-numru ta' dan il-*container*. Dan in-notament jindika li l-*container* kien sigillat fil-mument tal-isbark. Sussegwentament inhareg il-*Gate Pass - Out* li huwa dokument iehor mahrug minn Valletta Gateway Terminals Limited u fuq dan id-dokument ma gie indikat ebda notament.[3]

5. Il-*container* inzamm fil-pussess ta' Valletta Gateway Terminals Limited ghal numru ta' granet, stante li l-Gate Pass – Out huwa datat 1 ta' Dicembru 2009, u ingabar mis-socjeta' White Brothers Limited li kienu l-burdnara inkarigati mis-socjeta' Vivian Corporation Limited.[4] Fit-2 ta' Dicembru 2009, il-container infetah fil-mahzen tal-istess burdnara fil-presenza ta' Gerald Cardona, *store organiser* fi hdan is-socjeta' Vivian Corporation Limited, u gie nnutat li l-*container* kellu sigill wiehed li kien igib in-numru RCI-038904. F'dan il-mument Gerald Cardona skopra li fil-*container* kien hemm diversi oggetti neqsin meta mqabbla mal-fattura tal-oggetti akkwistati minn Vivian Corporation Limited minghand is-socjeta' estera Plasmon Dietetici Alimentari s.r.l.[5]

6. Permezz ta' ittra datata 2 ta' Dicembru 2009, is-socjeta' Vivian Corporation Limited baghtet tinforma lis-socjeta' konvenuta H. Mifsud Shipping Limited b'dawn id-diskrepanzi.[6]

---

[1] Ara l-fattura relattiva ghal din il-merkanzija immarkata bhala Dok LC8 a fol. 79 tal-process.
[2] Ara l-Bill of Lading a fol. 69 u 153 tal-process.
[3] Ara t-*tally sheet* a fol. 140 u l-*Gate Pass – Out* a fol 141 tal-process.
[4] Ara Dokument LB 1 a fol.112 tal-process.
[5] Ara x-xhieda ta' Gerald Cardona a fol. 114 u Dok GC1 a fol. 121 tal-process.
[6] Ara x-xhieda ya' Jezabel Grech a fol. 86 u l-ittra relattiva a fol. 88 tal-process.

7. Is-socjeta’ Vivian Corporation Limited kienet koperta b’polza tal-assigurazzjoni mahruga mis-socjeta’ attrici, li wara li giet infurmata b’dawn il-fatti, inkarigat lil General Marine Services & Consultancy Limited sabiex thejji *survey* dwar dan il-kaz. Wara li giet ezaminata l-merkanzija, Paul Ellul ghan-nom ta’ General Marine Services & Consultancy Limited, hejja rapport minn fejn jirrizulta li l-valur tal-prodotti li nstabu nieqsa kien fis-somma ta’ €10,242. Minn dan ir-rapport jirrizulta wkoll li fuq il-*container* kien instab sigill wiehed biss li kien igib numru differenti minn dawk taz-zewg sigilli indikati fil-*Bill of Lading*. Inoltre, is-*surveyor* ikkonkluda li fl-opinjoni tieghu kien evidenti li l-*container* kien gie miftuh waqt it-tragitt mill-Italja ghal Malta u kien f’dak il-mument li gew nieqsa l-prodotti indikati fl-istess rapport.[7]

8. In vista ta’ dan ir-rapport, is-socjeta’ attrici hallset lis-socjeta’ Vivian Corporation Limited l-ammont indikat, li da parti taghha issurrogat lis-socjeta’ attrici fid-drittijiet taghha.[8]

*L-ewwel eccezzjoni – Legittimu Kontradittur*

Permezz ta’ l-ewwel eccezzjoni taghha, is-socjeta’ konvenuta H. Mifsud Shipping Limited issostni li hija mhijiex il-legittimu kuntradittur tat-talbiet attrici u dan stante li hi agixxiet biss bhala agent tal-vapur m/v Carolina u ghalhekk ma hemmx relazzjoni diretta bejnha u bejn is-socjeta’ attrici. Konsegwentement tghid li hija mhijiex responsabbli ghal kwalunkwe nuqqasijiet li setghu avveraw ruhom waqt it-trasport tal-konsenja mertu tal-kawza.

F’din il-kawza is-socjeta’ attrici qed titlob id-danni li hija tallega li gew sofferti mis-socjeta’ assigurata maghha, liema danni gew ikkawzati minn telf ta’ merkanzija fi vjagg mill-Italja ghal Malta.

Mill-provi prodotti jirrizulta inkontestat li s-socjeta’ konvenuta H. Mifsud Shipping Limited kienet l-agent tal-vapur m/v Carolina li ttrasporta l-merkanzija lejn Malta. Pero’ dan il-fatt ma jezimix lill-istess socjeta’ konvenuta minn kull responsabilta’ ghal ghemil intrapriz min-naha taghha. Huwa car li s-socjeta` attrici, kif surrogata fid-drittijiet tal-kumpanija assigurata Vivian Corporation Limited, ghandha rapport guridiku dirett mas-socjeta’ konvenuta H. Mifsud

[7] Ara s-survey report a fol. 63 tal-process.
[8] Ara d-Discharge and Subrogation Receipt immarkata bhala Dok LC2 a fol.68 tal-process.

Shipping Limited u dan billi s-socjeta’ assigurata kienet inkarigatha biex tiehu hsieb dan il-vjagg u taghmel l-arrangamenti kollha necessarji ghat-trasport ta’ din il-merkanzija.

Dan huwa kkonfermat kemm mix-xhieda ta’ Jezabel Grech, *Shippping Manager* fi hdan is-socjeta’ Vivian Corporation Limited, li spjegat li l-inkarigu ghat-trasport tal-merkanzija kien inghata direttament lis-socjeta’ konvenuta H. Mifsud Shipping Limited, kif ukoll minn Stefan Mifsud, rapprezentant tal-istess socjeta’ konvenuta li kkonferma li l-inkarigu inghata direttament lis-socjeta’ konvenuta li da parti taghha tiehu hsieb l-arrangamenti necessarji sabiex il-merkanzija tasal Malta kif ordnat mill-klijent.[9]

Fis-sentenza fl-ismijiet **Alfred Calleja noe et vs Carmelo Ellul Sullivan noe et** deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili[10] fil-15 ta’ Dicembru 2004, il-Qorti ezaminat ir-responsabbiltajiet tal-agent tal-vapur f’*marine cargo claims*, fir-rigward tal-mandant tieghu u rriteniet illi:

“*In linea ta’ principju generali riferibilment ghar-regoli enuncjati fil-ligi dwar l-istitut tal-mandat, malli jinholoq kuntratt bhal dan jitwieled bejn il-mandant u l-mandatarju certi drittijiet u dmirijiet. Hekk il-mandatarju hu, ex-Artikolu 1873 tal-Kodici Civili, obbligat jesegwixxi l-mandat, u l-ligi, fl-istess dispost, tikkontempla l-konsegwenza jekk il-mandatarju jonqos minn dan l-obbligu tieghu bil-kliem “filkaz ta’ nuqqas ta’ esekuzzjoni jwiegeb ghad-danni u mghaxijiet”. Naturalment, skond ic-cirkostanzi, jitwieldu wkoll mill-istess kuntratt ta’ mandat relazzjonijiet ma’ terzi. Fil-kaz in ispecje, qua “discharging agent”, is-socjeta` konvenuta, oltre l-funzjonijiet soliti konnessi ma’ l-operazzjoni ta’ l-iskarikazzjoni tal-merkanzija, kellha tassikura li din l-istess merkanzija tghaddi f’ idejn ir-ricevitur u fl-istess stat u kundizzjoni kif manifestat mill-polza tal-kariku.*

…

*L-agent jippromwovi l-interessi tal-mandanti tieghu. Interessi dawn li jgorru maghhom anke doveri. A propozitu, fil-kaz in disamina, l-iskarikazzjoni minn abbord tal-merkanzija u l-konsenja lid-destinatarju taghha. Terminat il-kompiment ta’ din l-operazzjoni dan ma jgibx ghaldaqshekk illi l-mandatarju ossija l-agent tal-vapur, anke jekk “discharging agent” johrog*

[9] Ara f’dan ir-rigward ix-xhieda ta’ Jezabel Grech a *fol.* 86 u x-xhieda ta’ Stefan Mifsud a *fol.* 131 tal-process.
[10] *Per* Imhallef Philip Sciberras.

*mix-xena, una volta tkun accertata pretiza tat-terz ricevitur kollegata ma' l-istat, jew nuqqas, tal-merkanzija hekk skarikata. Effettivament, din il-Qorti mhix impressjonata mill-affermazzjoni tas-socjeta` konvenuta illi hi kienet agenti ghal darba wahda u bhala "discharging agent" ghall-iskop ta' dak il-vjagg biss. Dan ghal motiv illi, kif jirrizulta, il-pretensjonijiet attrici huma naxxenti minn dik l-istess operazzjoni li s-socjeta` konvenuta giet affidata in virtu tal-mandat konferit."*

Huwa minnu li fuq il-*Bill of Lading* hemm indikat isem is-socjeta' Tarros S.p.A. bhala trasportatur tal-merkanzija *de quo*, madankollu dan ma jbiddel xejn mill-fatt li mill-provi prodotti, il-ftehim ghat-trasport ta' din il-merkanzija sar bejn is-socjeta' assigurata u s-socjeta' konvenuta H. Mifsud Shipping Limited. L-obbligu li torganizza t-trasport ta' din il-merkanzija gie assunt direttament mis-socjeta' konvenuta. Il-fatt illi ghal fini li tesegwixxi l-obbligi minnha assunti, is-socjeta' konvenuta kellha tinqeda bis-servizzi ta' terzi ma jbiddel xejn mir-relazzjoni guridika li twieldet bejn il-partijiet fil-mument tal-kontrattazzjoni.

Fis-sentenza fl-ismijiet **S & R Handaq Limited vs Focal Maritime Services Company Limited** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[11] fit-30 ta' Mejju 2007 inghad hekk:-

*"Il-polza ta' kariku ma tistax titqies bhala xi provi konvincenti illi l-kontrattazzjoni tat-trasport saret bejn is-socjeta' attrici u l-vettural. L-ewwelnett il-provi attendibbli ma jissufragawx dan. Fit-tieni lok, dik il-polza tikkostitwixxi biss prova dokumentali tat-trasport li turi li l-vettural jew operator obbliga ruhu li jgorr il-merce u jikkonsenjaha fil-port ta' destinazzjoni. Dikjaratament imbaghad l-azzjoni kif proposta ma tidderivax mill-polza tal-kariku izda tidderivi mill-inadempjenza kontrattwali dovuta ghan-nuqqas da parti tas-socjeta' appellanti tal-obbligazzjoni minnha assunta tal-esekuzzjoni ezatta u fiz-zmien promess tal-konsenja tal-kariku lilha affidat.*

*Isegwi minn din l-ahhar konsiderazzjoni illi qua debitrici tal-obbligazzjoni s-socjeta' appellanti ghal dik l-inadempjenza taghha, trid twiegeb in via rizarcitorja. Dan kif dettat mill-Artikolu 1125 tal-Kodici Civili u fl-artikoli sussegwenti ghal dan ghall-kaz tan-nuqqas tat-twettiq ta'l-obbligazjoni qua bonus paterfamilias u dik tal-prestazzjoni fiz-zmien pattwit. Mhux accettabbli li din l-inadempjenza tas-socjeta' appellanti, u allura ukoll tar-responsabbilita'*

[11] *Per* Imhallef Philip Sciberras.

*taghha, tirrikadi fuq it-terz li mieghu s-socjeta' attrici ma kkuntrattatx. Din il-pretensjoni taghha tista' se mai, tifforma oggett ta' kontestazzjoni, anke gudizzjali, fir-rapport intern taghha ma' dak it-terz, izda mhux li din l-istess kontestazzjoni tiddahhal fil-kontroversja tas-socjeta' attrici maghha."*

Fid-dawl ta' dan l-insenjament, il-Qorti tqis li huwa car li s-socjeta` konvenuta H. Mifsud Shipping Limited ma tistax tghid li hija estranja ghal dan in-negozju guridiku. Ma hemm l-ebda dubju li r-relazzjoni guridika diretta kienet biss bejn is-socjeta' assigurata u s-socjeta` konvenuta H. Mifsud Shipping Limited in kwantu kien ma' din is-socjeta` li gie finalizzat il-kuntratt tat-trasport. Ghalhekk is-sottomissjoni tas-socjeta` konvenuta li hi mhijiex legittimu kuntradittur f'dawn il-proceduri hija legalment u fattwalment insostenibbli, u konsegwentement din l-ewwel eccezzjoni taghha ser tigi michuda.

*Il-Mertu*

Fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tas-socjeta' konvenuta ssottometta li s-socjeta' attrici naqset milli tipprova x'merkanzija tghabbiet fil-*container* in kwistjoni u f'dan ir-rigward isostni li l-polza tal-karigu ma jistax jitqies li huwa prova tal-kontenut ta' dan il-*container*, stante li fl-istess polza hemm l-ittri "S.T.C." li jfissru *"said to contain"*, stante li t-trasportatur ma kien bl-ebda mod involut fl-istivar tal-merce fil-*container*. Ghalhekk skond is-socjeta' konvenuta, is-socjeta' attrici ma rnexxiliex tipprova x'merkanzija effettivament kienet giet nieqsa f'dan il-kaz.

Is-socjeta attrici esebiet fattura mahruga mis-socjeta' Plasmon Dietetici Alimentari s.r.l. li tikkonferma l-kwantita' u t-tip ta' merkanzija li giet mghobbija fil-*container* in kwistjoni. Minn din il-fattura jirrizulta li s-socjeta' assigurata akkwistat total ta' 3,616 prodott fis-somma ta' €50,421.99[12]. Il-kwantita' ta' dawn il-prodotti hija riflessa ukoll fil-polza tal-karigu.[13]

Pero din il-fattura hija prova tal-bejgh li sar, u ma tikkostitwix prova ta' dak li gie effettivament stivat fil-container. Skond il-gurisprudenza stabbilita tal-Qrati taghna, li meta l-polza tal-karigu tkun tikkontjeni l-klawsola *"said to contain"*, *"il-piz tal-prova tal-kwantita` jew tal-piz tal-*

[12] Ara l-invoice a *fol.* 94 tal-process.
[13] Ara l-*Bill of Lading* a *fol.* 69 u 153 tal-process.

*merce hu mixhut fuq ispedizzjonier jew ir-ricevitur taghha. Dan isib riskontru fil-logika illi gjaladarba l-vettural ma immiskjax ruhu fl-istivagg tal-merce fil-containers, il-prova tal-kwantita` ma tinkombix fuqu. Huwa rceva taht il-kontroll u kustodja tieghu containers maghluqa u ssigillati. U allura l-prova tal-kwantita` jew irjus tal-merce tispetta lill-ispedizzjonier jew lir-ricevitur u mhux lit-trasportatur."* (ara s-sentenza **Atlas Insurance Agency Limited nominee vs Gollcher Company Limited nomine** deciza fit-23 ta' Gunju 2009 mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri).[14]

Pero, f'dan il-kaz hemm cirkostanza partikolari, u cioe li mill-provi jirrizulta bl-aktar mod car li l-*container* tghabba fuq il-vapur barra minn Malta bis-sigilli elenkati fil-polza ta' karigu. Dan jindika, fuq bazi ta' probabbilita, li l-ksur ta' dawn is-sigilli sabiex setghu jinsterqu l-affarijiet mill-*container,* u r-rimpjazzament taghhom b'sigill iehor, sehh f'xi hin wara li dan il-*container* tghabba fuq il-vapur. Ghalhekk, fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, s-socjeta attrici m'ghandux ghalfejn tipprova l-kwantita tal-merkanzija li tghabbiet fil-*container* fil-punt tat-tluq.

Fl-ahharnett, l-abbli avukat difensur tas-socjeta konvenuta issottometta illi mis-26 ta' Novembru 2009 (data tal-isbark) sat-2 ta' Dicembru 2009 (data li fiha l-container ittiehed fil-pussess tal-burdnar) kien hemm trapass ta' sitt ijiem u ghalhekk jista' jaghti l-kaz li s-sigilli gew mibdula matul dan il-perjodu li fih il-container kien fil-pussess ta' Valletta Gateway Terminals Limited.

Ma hemm l-ebda dubju li meta l-*container* tghabba fuq il-bastiment m/v Carolina, is-sigilli kienu dawk indikati fil-*Bill of Lading*. Jirrizulta wkoll li mal-wasla tal-vapur gewwa l-Port ta' Malta, t-*tally clerks* tas-socjeta' Valletta Gateway Terminals Limited ikkumpilaw *tally sheet* li tindika li l-*container* kien issiggilat u dan billi magenb in-numru tal-*container* tnizzlu l-ittri "*sld*", ghalkemm ma indikawx in-numru tas-sigill. Sussegwentement, inhareg dokument iehor u cioe' l-*Gate Pass – Out* li jiccertifika r-rilaxx tal-merkanzija mis-socjeta' Valletta Gateway Terminals Limited ghal ghand id-destinatarju – dan il-Gate Pass – Out inhareg minghajr l-ebda kwalifika jew kumment.

[14] *Per* Imhallef Philip Sciberras

Pero meta l-container infetah ghand il-burdnar, irrizulata li kien hemm merkanzija nieqsa, kif ukoll gie innutat li s-sigilli originali kienu nbiddlu u l-*container* kellu sigill wiehed biss li kien igib numru differenti. Dan il-fatt jirrizulta kemm mix-xhieda ta' Gerald Cardona, rapprezentant tas-socjeta' assigurata, kif ukoll mis-*survey* maghmul minn Paul Ellul ghan-nom ta' General Marine Services & Consultancy Limited li jikkonferma kemm il-bidla fin-numru tas-sigill u kif ukoll il-valur tal-prodotti li nstabu nieqsa kien fis-somma mitluba permezz ta' din il-kawza.

Doreen Curmi, in rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta Valletta Gateway Terminals Ltd. kienet ukoll ikkonfermat li meta l-container jinzel mill-vapur "*il-container jitpogga fil-container yard fil-port, imbaghad jigi l-importatur fuq il-post, dan ikollu d-dokumentazzjoni u jkun jista' jirtira l-container. Hawnhekk ahna nirrilaxxaw l-gate pass out, hawnhekk jidher li l-gate pass out kien clean, fis-sens li l-importatur jekk jinnota xi haga ghandu dritt jigi jaghmel xi lment maghna.*"[15]

Huwa minnu li t-*tally sheets* u l-Gate Pass-Out ma jammontawx ghal xi prova rribattibbli imma dawn jikkostitwixxu biss prova probatorja *juris tantum*, imma jibqa' l-fatt li l-forza probatorja hemm qeghda u mhux lecitu li wiehed jinvita lill-Qorti, f'nuqqas ta' prova appozita. (ara is-sentenza **David Curmi noe vs Godwin Abela et** deciza fil-31 ta' Jannar 2003, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili[16]).

Fil-kaz odjern, kien certament id-dover tal-burdnar mahtur mis-socjeta importatrici li qabel jaccetta l-konsenja tal-container, jivverifika li ghall-inqas minn barra l-container kien jaqbel ma kif gie deskritt fil-polza tal-karigu, inkluz li ghandu l-istess sigilli imsemmija fil-polza ta' karigu. Ma ngabet l-ebda prova li dan l-ezercizzju sar mill-burdnar, u jekk il-burndar induna li kien hemm diskrepanza fis-sigilli ghalfejn ma dan ma giex indikat fil-Gate Pass-Out.

Inoltre, il-Qorti tosserva illi il-Gate Pass Out igib id-data tal-1 ta' Dicembru, 2009[17] u l-importatur huwa indikat bhala White Brothers. Ghalhekk jidher li l-Gate Pass-Out harget gurnata qabel infetah il-container fil-mahzen appartententi lill-burdnara White Brothers Limited, fil-presenza ta' rapprezentant mis-socjeta' Vivian Corportation Limited, fejn irrizultat merkanzija nieqsa, kif ukoll sigill li kien igorr numru differenti.

[15] Ara xhieda ta' Doreen Curmi a fol. 17 tal-process.
[16] *Per* Imhallef Philip Sciberras.
[17] Ara Dokument LB 1 a fol.112 tal-process.

F’dan l-istat tal-provi, hija l-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti, li s-socjeta attrici ma rnexxiliex tipprova sal-grad tal-probabbli, li s-sigill inbidel u l-merkanzija giet nieqsa, qabel ma l-container gie fizikament rilaxxat minn fuq il-vapur, u cioe li dawn l-affarijiet saru fil-perjodu wara li l-container tghabba fuq il-vapur mill-port tat-tluq sal-mument li dak il-container inhatt minn fuq il-vapur hawn Malta.

Konsegwentement, it-talba tas-socjeta attrici ma tistax tigi milqugha.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda:

1. Tichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta H. Mifsud Shipping Limited;
2. Tilqa’ t-tieni eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta H. Mifsud Shipping Limited, u konsegwentement tichad it-talba attrici.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ispejjez in konnessjoni mas-sentenza preliminari ta’ din il-Qorti tas-26 ta’ Marzu 2012 ghandhom jigu subiti mis-socjeta attrici, fil-waqt li l-ispejjez l-ohra kollha in konnessjoni ma’ dawn il-proceduri ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn is-socjeta attrici u s-socjeta konvenuta H. Mifsud Shipping Limited.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**